Kulleġġ St. Thomas More

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena tas-Sitt Sena

2017

Il-Malti: Il-Fehim mis-Smigħ

# Il-KARTA TAL-EŻAMINATURI

**Merħba.**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.**

**Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-karta li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.**

**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se tinqara darbtejn.**

**Issa nitolbok tiftaħ il-karta li għandek quddiemek u ssib paġni tnejn u tlieta.**

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.**

-------------- *Waqfa ta' 50 sekonda* ---------------

**Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

**L-Ewwel Silta: Il-lanċa**

Fl-imgħoddi, dehra komuni kienet lanċa mimlija passiġġieri. Il-Lanċa tal-Pass jew kif kienet aktar magħrufa bħala l-Lanċa tal-Port, kienet trasport pubbliku li taqsam il-baħar taż-żewġ portijiet, bejn il-Belt u tas-Sliema, u bejn il-Belt għall-Isla u l-Birgu.

Il-lanċa kienet tieħu madwar ħamsin passiġġier, min bilqiegħda u min bilwieqfa fil-passaġġ. F'baħar imqalleb il-laneċ ma kinux jaħdmu, imma fis-sajf kienu tassew imfittxija. Il-lanċa kienet tant popolari dak iż-żmien li saħansitra kienet saret għanja folkloristika fuq dan is-suġġett li għadna nkantawha sal-lum: Lanċa ġejja u oħra sejra minn tas-Sliema għal Marsamxett...

Il-laneċ bdew imorru lura f'Malta meta daħlu l-karozzi tal-linja. Iż-żewġ kumpaniji li kienu joffru dan is-servizz kellhom jagħlqu u aktar tard il-laneċ inbiegħu u l-mollijiet tagħhom tħattu.

Adattata mill-artiklu ta' Anġelo Dougall – *Il-Lanċa tal-Pass fil-Folklor*.

**Tmiem l-ewwel silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

Il-lanċa kienet tieħu lill-passiġġieri f'kull rokna ta' Malta. Din tiġi **FALZ**.

Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa ħdejn **FALZ**.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**

Ħadd ma kien joqgħod bilwieqfa fuq il-lanċa.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Il-lanċa kienet taħdem fil-maltemp ukoll.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ------------- --

**Numru erbgħa:**

Inkitbet għanja folkloristika bis-suġġett tal-lanċa.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Kien hemm żewġ kumpaniji li joffru s-servizz tal-lanċa.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Il-lanċa kienet toffri servizz mill-aktar effiċjenti.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

Il-lanċa tal-Port kienet magħrufa bħala

a) **l-lanċa tal-Pass**.

b) l-lanċa ta' Marsamxett.

ċ) l-lanċa ta' Tas-Sliema.

It-tweġiba t-tajba hija (a). Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**

Il-lanċa kienet tagħmel vjaġġ

a) mill-Birgu għal Marsamxett.

b) mill-Isla għall-Kalkara.

ċ) mill-Belt għall-Isla.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Il-lanċa kienet tieħu madwar
a) 40 passiġġier.
b) 50 passiġġier.
ċ) 60 passiġġier.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Il-lanċa tal-Pass kienet l-aktar imfittxija
a) fil-ħarifa.
b) fix-xitwa.
ċ) fis-sajf.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Il-laneċ bdew imorru lura meta
a) għalqu ż-żewġ kumpaniji.
b) daħlu l-karozzi tal-linja.
ċ) n-nies bdew jużaw ir-roti.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Meta s-servizz waqaf jaħdem
a) inbnew vapuri ġodda.
b) il-laneċ inbiegħu.
ċ) in-nies ma marrux tas-Sliema.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma', tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

**L-Ewwel Silta: Il-lanċa**

Fl-imgħoddi, dehra komuni kienet lanċa mimlija passiġġieri. Il-Lanċa tal-Pass jew kif kienet aktar magħrufa bħala l-Lanċa tal-Port, kienet trasport pubbliku li taqsam il-baħar taż-żewġ portijiet, bejn il-Belt u tas-Sliema, u bejn il-Belt għall-Isla u l-Birgu.

Il-lanċa kienet tieħu madwar ħamsin passiġġier, min bilqiegħda u min bilwieqfa fil-passaġġ. F'baħar imqalleb il-laneċ ma kinux jaħdmu, imma fis-sajf kienu tassew imfittxija. Il-lanċa kienet tant popolari dak iż-żmien li saħansitra kienet saret għanja folkloristika fuq dan is-suġġett li għadna nkantawha sal-lum: Lanċa ġejja u oħra sejra minn tas-Sliema għal Marsamxett...

Il-laneċ bdew imorru lura f'Malta meta daħlu l-karozzi tal-linja. Iż-żewġ kumpaniji li kienu joffru dan is-servizz kellhom jagħlqu u aktar tard il-laneċ inbiegħu u l-mollijiet tagħhom tħattu.

Adattata mill-artiklu ta' Anġelo Dougall – *Il-Lanċa tal-Pass fil-Folklor*.

**Tmiem l-ewwel silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

Il-lanċa kienet tieħu lill-passiġġieri f'kull rokna ta' Malta. Din tiġi **FALZ**.

Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa ħdejn **FALZ**.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**

Ħadd ma kien joqgħod bilwieqfa fuq il-lanċa.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru tlieta:**

Il-lanċa kienet taħdem fil-maltemp ukoll.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ------------ --

**Numru erbgħa:**

Inkitbet għanja folkloristika bis-suġġett tal-lanċa.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru ħamsa:**

Kien hemm żewġ kumpaniji li joffru s-servizz tal-lanċa.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru sitta:**

Il-lanċa kienet toffri servizz mill-aktar effiċjenti.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

Il-lanċa tal-Port kienet magħrufa bħala

a) **l-lanċa tal-Pass**.

b) l-lanċa ta' Marsamxett.

ċ) l-lanċa ta' Tas-Sliema.

It-tweġiba t-tajba hija (a). Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**

Il-lanċa kienet tagħmel vjaġġ

a) mill-Birgu għal Marsamxett.

b) mill-Isla għall-Kalkara.

ċ) mill-Belt għall-Isla.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Il-lanċa kienet tieħu madwar

a) 40 passiġġier.

b) 50 passiġġier.

ċ) 60 passiġġier.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Il-lanċa tal-Pass kienet l-aktar imfittxija

a) fil-ħarifa.

b) fix-xitwa.

ċ) fis-sajf.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Il-laneċ bdew imorru lura meta

a) għalqu ż-żewġ kumpaniji.

b) daħlu l-karozzi tal-linja.

ċ) n-nies bdew jużaw ir-roti.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Meta s-servizz waqaf jaħdem

a) inbnew vapuri ġodda.

b) il-laneċ inbiegħu.

ċ) in-nies ma marrux tas-Sliema.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

---

**Issa se tinqara t-tieni silta. Nitolbok issib paġni erbgħa, ħamsa u sitta.**

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.**

--------------- *Waqfa ta' 50 sekonda* ---------------

**Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

**It-Tieni Silta: Il-Festa**

Il-festa tar-raħal Maltija hija l-essenza ta' dak kollu li huwa Mediterranju. Dawn il-festi jikkombinaw id-dwal ikkuluriti, il-mużika tal-banda u l-ispettakli impressjonanti u storbjużi tal-logħob tan-nar, flimkien ma' folla ta' mijiet ta' nies li joħorġu mill-każini u l-ħwienet tax-xorb għal ġot-toroq storbjużi f'ċelebrazzjoni waħda u kbira. Hija esperjenza memorabbli ta' ikel, xorb, mużika u briju.

Ġeneralment, il-festi jiġu ċċelebrati bejn ix-xhur ta' Mejju u Settembru, għalkemm hemm xi ftit eċċezzjonijiet. Kull raħal għandu mill-inqas qaddis patrun wieħed u dan iservi bħala l-bażi għall-festa tar-raħal. Matul dawk il-jiem magħżula għall-festa, dak ir-raħal partikolari jżejjen it-toroq bi statwi u

bandalori ddedikati lill-qaddis, u matul dik il-ġimgħa kollha, in-nies tal-lokal u t-turisti jingħaqdu flimkien sabiex igawdu ċ-ċelebrazzjonijiet u l-briju tal-festa.

Il-kjoskijiet tal-ikel li jarmaw fit-toroq iservu minn kollox, minn hot dogs sa ikel tradizzjonali. Ipprova l-imqaret, li huma tip ta' ħelu tat-tamal moqlija fiż-żejt. Dawn huma delizzjużi immens u borża mimlija tiswiek inqas minn żewġ ewro. Ħelu tradizzjonali ieħor huwa l-qubbajt. F'dawn il-festi ssib ħafna li jkunu qegħdin ibiegħu dan il-ħelu tant favorit mal-Maltin. Il-bejjiegħa normalment ikunu armati bi kjoskijiet skuri tal-injam sabiex iservu dan il-prodott mill-aktar ħelu.

Il-marċi tal-banda huma parti integrali miċ-ċelebrazzjoni. Il-banda lokali ddoqq il-marċi favoriti tal-festa, li ħafna minnhom ikunu kompożizzjoni ta' xi surmast lokali. Waqt li l-mużiċisti tal-banda jdoqqu l-marċi brijużi tul it-toroq u madwar il-knisja tar-raħal, il-folol sikwit ikunu mexjin warajhom.

Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' kull festa jilħqu l-qofol tagħhom biċ-ċerimonja tal-irfiegħ tal-istatwa. Hi u ħierġa mill-knisja u hi u dieħla, l-istatwa tkun akkumpanjata minn folla nies li tesprimi l-ferħ tagħha b'ċapċip u briju. L-istatwa ddur mat-toroq tar-raħal akkumpanjata mill-banda.

Jekk l-irfiegħ tal-istatwa hija ċerimonja importanti, l-aktar li jagħtu pjaċir lill-folla żgur li huma l-ispettakli tal-logħob tan-nar. Malta hija magħrufa ħafna għall-kapaċità piroteknika tagħha u din il-kapaċità mkien ma tintwera aħjar mill-festa tar-raħal. L-ispettakli normalment jinvolvu l-murtali, li huma xorta ta' bombi li jagħmlu splużjoni eċċezzjonali meta jinfetħu fis-sema, logħob tan-nar ikkulurit li jdawwal is-sema billejl, u l-ġiġġifogu jew irdieden tan-nar – strutturi elaborati ta' ħsejjes u lwien li jipproduċu spettakli li jgħammxu l-għajnejn.

**Tmiem it-tieni silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

Din is-silta hija dwar

a) **il-festa tar-raħal.**
b) l-Għid il-Kbir.
c) il-Karnival.
d) il-Milied.

It-tweġiba t-tajba hija **(a) il-festa tar-raħal**. Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**

Fil-festa tar-raħal ikun hemm ħafna

a) ikel, xorb, mużika u bram.
b) ikel, xtieli, mużika u briju.
c) ikel, xorb, mużika u briju.
d) ikel, xorb, mużajk u briju.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Ġeneralment, il-festi jiġu ċċelebrati bejn ix-xhur ta'

a) April u Settembru.
b) Mejju u Awwissu.
c) Ġunju u Lulju.
d) Mejju u Settembru.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Borża mimlija mqaret tiswiek inqas minn

a) ħames ewro.
b) erba' ewro.
c) tliet ewro.
d) żewġ ewro.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Ħelu tradizzjonali li nsibu fil-festa huwa

a) l-qubbajt.
b) l-qagħaq tal-għasel.
c) l-figolli.
d) l-prinjolata.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Meta ngħidu **tesprimi l-ferħ tagħha** tfisser:

a) turi li hija mdejqa.
b) turi li hija ferħana.
c) ma turix li hija kuntenta.
d) taħbi l-ferħ li qiegħda tħoss.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B: Imla l-vojt b'kelma waħda, skont is-sens tas-silta.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

Fil-festa tar-raħal naraw ħafna ______ ikkuluriti.

Il-kelma t-tajba, nieqsa fl-ewwel sentenza, hija **dwal**. Għalhekk ktibt **dwal** fil-vojt.

Mela s-sentenza ġiet: Fil-festa tar-raħal naraw ħafna **dwal** ikkuluriti.

**Issa se nerġa' naqralek is-sentenza, flimkien mal-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

Fil-festa tar-raħal naraw ħafna **dwal** ikkuluriti.

It-toroq jiżżejnu bi statwi u bandalori ddedikati lill- ________________.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

Il-kjoskijiet tal- ________________ jarmaw fit-toroq u jservu minn kollox.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

Il-banda ddoqq il- ________________ brijużi.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

L- ________________ tal-patrun toħroġ mill-knisja ddur mar-raħal.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

L-ispettakli tal-logħob tan-nar jinvolvu l- _________________ u l-ġiġġifogu jew irdieden tan-nar.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma', tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

**It-Tieni Silta: Il-Festa**

Il-festa tar-raħal Maltija hija l-essenza ta' dak kollu li huwa Mediterranju. Dawn il-festi jikkombinaw id-dwal ikkuluriti, il-mużika tal-banda u l-ispettakli impressjonanti u storbjużi tal-logħob tan-nar, flimkien ma' folla ta' mijiet ta' nies li joħorġu mill-każini u l-ħwienet tax-xorb għal ġot-toroq storbjużi f'ċelebrazzjoni waħda u kbira. Hija esperjenza memorabbli ta' ikel, xorb, mużika u briju.

Ġeneralment, il-festi jiġu ċċelebrati bejn ix-xhur ta' Mejju u Settembru, għalkemm hemm xi ftit eċċezzjonijiet. Kull raħal għandu mill-inqas qaddis patrun wieħed u dan iservi bħala l-bażi għall-festa tar-raħal. Matul dawk il-jiem magħżula għall-festa, dak ir-raħal partikolari jżejjen it-toroq bi statwi u bandalori ddedikati lill-qaddis, u matul dik il-ġimgħa kollha, in-nies tal-lokal u t-turisti jingħaqdu flimkien sabiex igawdu ċ-ċelebrazzjonijiet u l-briju tal-festa.

Il-kjoskijiet tal-ikel li jarmaw fit-toroq iservu minn kollox, minn hot dogs sa ikel tradizzjonali. Ipprova l-imqaret, li huma tip ta' ħelu tat-tamal moqlija fiż-żejt. Dawn huma delizzjużi immens u borża mimlija tiswiek inqas minn żewġ ewro. Ħelu tradizzjonali ieħor huwa l-qubbajt. F'dawn il-festi ssib ħafna li jkunu qegħdin ibiegħu dan il-ħelu tant favorit mal-Maltin. Il-bejjiegħa normalment ikunu armati bi kjoskijiet skuri tal-injam sabiex iservu dan il-prodott mill-aktar ħelu.

Il-marċi tal-banda huma parti integrali miċ-ċelebrazzjoni. Il-banda lokali ddoqq il-marċi favoriti tal-festa, li ħafna minnhom ikunu kompożizzjoni ta' xi surmast lokali. Waqt li l-mużiċisti tal-banda jdoqqu l-marċi brijużi tul it-toroq u madwar il-knisja tar-raħal, il-folol sikwit ikunu mexjin warajhom.

Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' kull festa jilħqu l-qofol tagħhom biċ-ċerimonja tal-irfiegħ tal-istatwa. Hi u ħierġa mill-knisja u hi u dieħla, l-istatwa tkun akkumpanjata minn folla nies li tesprimi l-ferħ tagħha b'ċapċip u briju. L-istatwa ddur mat-toroq tar-raħal akkumpanjata mill-banda.

Jekk l-irfiegħ tal-istatwa hija ċerimonja importanti, l-aktar li jagħtu pjaċir lill-folla żgur li huma l-ispettakli tal-logħob tan-nar. Malta hija magħrufa ħafna għall-kapaċità piroteknika tagħha u din il-kapaċità mkien ma tintwera aħjar mill-festa tar-raħal. L-ispettakli normalment jinvolvu l-murtali, li huma xorta ta' bombi li jagħmlu splużjoni eċċezzjonali meta jinfetħu fis-sema, logħob tan-nar ikkulurit li jdawwal is-sema billejl, u l-ġiġġifogu jew irdieden tan-nar – strutturi elaborati ta' ħsejjes u lwien li jipproduċu spettakli li jgħammxu l-għajnejn.

**Tmiem it-tieni silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**

Din is-silta hija dwar

a) **<u>il-festa tar-raħal.</u>**
b) l-Għid il-Kbir.
c) il-Karnival.
d) il-Milied.

It-tweġiba t-tajba hija **(a) il-festa tar-raħal**. Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**

Fil-festa tar-raħal ikun hemm ħafna

a) ikel, xorb, mużika u bram.
b) ikel, xtieli, mużika u briju.
c) ikel, xorb, mużika u briju.
d) ikel, xorb, mużajk u briju.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru tlieta:**

Ġeneralment, il-festi jiġu ċċelebrati bejn ix-xhur ta'

a) April u Settembru.
b) Mejju u Awwissu.
c) Ġunju u Lulju.
d) Mejju u Settembru.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru erbgħa:**

Borża mimlija mqaret tiswiek inqas minn

a) ħames ewro.
b) erba' ewro.
c) tliet ewro.
d) żewġ ewro.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru ħamsa:**

Ħelu tradizzjonali li nsibu fil-festa huwa

a) l-qubbajt.
b) l-qagħaq tal-għasel.
c) l-figolli.
d) l-prinjolata.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Numru sitta:**

Meta ngħidu **tesprimi l-ferħ tagħha** tfisser:

a) turi li hija mdejqa.
b) turi li hija ferħana.
c) ma turix li hija kuntenta.
d) taħbi l-ferħ li qegħda tħoss.

*--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------*

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B: Imla l-vojt b'kelma waħda, skont is-sens tas-silta.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

Fil-festa tar-raħal naraw ħafna ______ ikkuluriti.

Il-kelma t-tajba, nieqsa fl-ewwel sentenza, hija **dwal**. Għalhekk ktibt **dwal** fil-vojt.

Mela s-sentenza ġiet: Fil-festa tar-raħal naraw ħafna <u>dwal</u> ikkuluriti.

**Issa se nerġa' naqralek is-sentenza, flimkien mal-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

Fil-festa tar-raħal naraw ħafna **dwal** ikkuluriti.

It-toroq jiżżejnu bi statwi u bandalori ddedikati lill- ________________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

Il-kjoskijiet tal- ________________ jarmaw fit-toroq u jservu minn kollox.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

Il-banda ddoqq il- ________________ brijużi.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

L- ________________ tal-patrun toħroġ mill-knisja ddur mar-raħal.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

L-ispettakli tal-logħob tan-nar jinvolvu l- ________________ u l-ġiġġifogu jew irdieden tan-nar.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

--------------- *Waqfa ta' minuta* ---------------

**Grazzi. Is-sessjoni tas-smigħ spiċċat. Saħħa!**